A.L. 73 ta' l-2006

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, u dawn għandhom jinqraw u jiġu interpretati bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, hawn iżjed 'l quddiem msejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 140 ta' l- 2005.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE billi tistabbilixxi skema ta' kummerċ ta' konċessjonijiet fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi ħdan il-Komunità, fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-proġett tal-Protokoll ta' Kyoto.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "l-awtorità kompetenti" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "attività fi proġett" tfisser attività fi proġett approvata minn waħda jew iżjed mill-partijiet għall-Anness I skond l-Artikolu 6 jew Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kyoto;";

(b) minnufih wara t-tifsira "operatur" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "parti għall-Anness I" tfisser pajjiż li huwa elenkat fl-Anness I tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u li irratifika l-Protokoll ta' Kyoto kif speċifikat fl-Artikolu 1(7) tal-Protokoll ta' Kyoto;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "stallazzjoni ġdida" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "tnaqqis ta' l-emissjonijiet iċċertifikat" jew "CER" tfisser unità maħruġa skond l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-UNFCCC;" u

(d) minnufih wara t-tifsira "tunellata ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "unità ta' tnaqqis tal-emissjonijiet" jew "ERU" tfisser unità maħruġa skond l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kyoto;".

Iżid ir-regolament ġdid 10A mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Approvazzjoni u awtorizazzjoni ta' parteċipazzjoni f'attivitàjiet fi proġett.

10A. (1) Persuna li għandha l-intenzjoni li tipparteċipa f'attività fi proġett f'Malta skond l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto, għandha tagħmel applikazzjoni lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni ta' l-attività fi proġett li tkun qegħda tiġi proposta.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tapprova l-attività fi proġett li tkun qegħda tiġi proposta biss jekk il-linja ta' bażi użata biex jiġi determinat it-tnaqqis fl-emissjonijiet mill-attività fi proġett tkun tikkonforma għal kollox mal-leġislazzjoni kollha tal-Komunità Ewropea, inklużi d-derogi temporanji stipulati fit-Trattat ta' Adeżjoni.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi ma jinħareġ ebda CER għal xi tnaqqis jew limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti ħlief kif provdut fis-subregolamenti (4) u (5) ta' dan ir-regolament.

(4) Sal-31 ta' Diċembru 2012, fil-każ ta' attività fi proġett li tnaqqas jew tillimita direttament l-emissjonijiet ta' xi installazzjoni li taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti,

kull CER jista' jinħareġ biss jekk jiġu kanċellati mill-operatur għadd ugwali ta' konċessjonijiet ta' dik l-installazzjoni.

(5) Sal-31 ta' Diċembru 2012, fil-każ ta' attività fi proġett li tkun tnaqqas jew tillimita indirettament l-emissjonijiet ta' installazzjoni li taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti, kull CER jista' jinħareġ biss jekk jiġu kanċellati għadd ugwali ta' konċessjonijiet mir-reġistru nazzjonali ta' l-Istat Membru minn fejn joriġinaw is-CER.

(6) Meta japprova attivitajiet fi proġett li jirrigwardaw il-produzzjoni tal-forza idroelettrika b'kapaċità ġenerattiva li taqbeż l-20MW, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-kriterji u linji ta' gwida internazzjonali rilevanti, inklużi dawk li jinsabu fir-Rapport tal-2000 tal-Kummissjoni Dinjija dwar "Id-Digi u l-Iżvilupp – Qafas Ġdid għat-Teħid tad-Deċiżjonijiet" jkunu se jiġu rispettati waqt l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet fi proġett.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Aċċess għall-informazzjoni.

16. Deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-allokazzjoni ta' konċessjonijiet, informazzjoni dwar attivitajiet fi proġett li fihom l-Istat jieħu sehem jew jawtorizza entitajiet privati jew pubbliċi biex jieħdu sehem fihom, u r-rapporti dwar l-emissjonijiet meħtieġa taħt il-permess ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li jkunu miżmumin mill-awtorità kompetenti għandhom jitqegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-awtorità kompetenti skond ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali.".

A.L. 116 ta' l-2005.

Jemenda l-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih fi tmiem l-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan il-provvediment ġdid li ġej:

"12. Il-pjan għandu jispeċifika l-ammont massimu ta' kull CER u ERU li jistgħu jintużaw mill-operaturi fl-iskema tal-Komunità bħala persentaġġ ta' l-allokazzjoni tal-konċessjonijiet għal kull installazzjoni. Il-persentaġġ għandu jkun konsistenti ma' l-obbligi tas-supplimentarità ta' l-Istat taħt il-Protokoll ta' Kyoto u tad-deċiżjonijiet adottati konformament ma' l-UNFCCC jew mal-Protokoll ta' Kyoto.".